MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 185/2005

**In-nutar Dr Joseph Spiteri bhala ezekutur testamentarju tal-mejta Nobbli Maria Grazia sive Graziella Mallia Tabone**

**Vs**

**Miriam Fenech Adami u Dr Raphael Fenech Adami peress li dak kien deher bhala prokuratur tal-istess u b'digriet tad-9 ta' Jannar 2012 il-qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Maria Victoria Tua, u Joseph Fenech Adami**

Permezz ta' kawza prezentata fil-21 ta' Frar 2005, l-attur qieghed jitlob lill-qorti sabiex tawtorizzah jizbanka l-flus li hemm depozitati fil-kont bankarju mal-Bank of Valletta plc bin-numru 724045804, u tinnomina persuna biex tidher minflokhom sabiex jaghti l-kunsens tieghu biex l-attur jisbanka l-imsemmija flus.

Permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet prezentata fit-8 ta' Gunju 2006, il-konvenut eccepixxa li :-

1. Ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex kien deher biss bhala mandatarju ta' ommu.
2. Sal-lum ghadha m'hijiex rizolta l-kwistjoni bejn il-kontendenti.

Jirrizulta li Miriam Fenech Adami kienet giet notifikata fit-30 ta' Awissu 2007 izda baqghet kontumaci.
Ir-retroxxena ta' din il-kawza hu kuntratt pubblikat min-nutar Dr Tonio Spiteri fid-19 ta' Mejju 1988 li permezz tieghu l-attur u l-avukat Dr Raphael Fenech Adami ghan-nom ta' ommu Miriam, bieghu l-fond 31, 32 u 33, Grace Street, Haz-Zebbug, Malta ghall-prezz ta' Lm18,500. Fil-kuntratt jinghad :-
*'Fl-ahharnett, il-vendituri nomine jiddikjaraw illi l-imsemmija Miriam Fenech Adami deheret bhala venditrici in vista tal-fatt li hija ghandha pretensjoni ta' nofs il-proprjeta tal-istess fond kif jirrizulta mill-kawza Caruana Dingli vs Mallia Tabone li tinsab pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u differita ghal wiehed u ghoxrin ta' Gunju 1988 u in kawtela ta' din il-pretenzjoni il-vendituri nomine qedin jiftehmu illi nofs il-prezz nett, u cioe' wara li jigi dedott l-ammont pagabbli f'isem l-esekutur imsemmi u f'isem is-sinjura Fenech Adami u ma jkunx riterabbli hlief minnhom it-tnejn flimkien u eventwalment dan id-depozitu ikun appartenenti lill-esekutur jew lis-sinjura Fenech Adami skond l-esitu tal-kawza imsemmija, ghalkemm is-sinjura Fenech Adami qed tidher bhala venditrici ta' parti mill-istess fond u qed per konsegwenza isir l-ftehim tad-depozitu fuq imsemmi, dan ma jfissirx li l-esekutur qed b'xi mod jaccetta jew jammetti din il-pretensjoni tas-Sinjura Fenech Adami u ghalhekk dan kollu qed isir minghajr pregudizzju ghad-drittijiet rispettivi tal-vendituri.'*.
M'hemmx kontestazzjoni li l-kawza (1221/1977) marret dezerta wara li fit-12 ta' April 1996 gie differita *sine die*. Lanqas m'hemm kontestazzjoni li fit-22 ta' Ottubru 2007 Miriam Fenech Adami pprezentat kawza ohra (1130/07). Maria Fenech Adami hi werrieta tal-Markiz Salvatore Caruana Dingli, li kien attur fil-kawza 1221/1977. F'dik il-kawza l-Markiz kien qieghed jitlob dikjarazzjoni li nofs il-proprjeta li tifforma parti mit-titolu fewdali tal-Markezat u Fewdu tal-Fiddien, kien jappartjeni lilu. Min-naha tal-konvenuta Maria Grazia Mallia Tabone, jidher li kienet

qeghda tippretendi li bhala werrieta tal-Markiz Nicola Mallia Tabone kellha d-dritt ta' dak kollu li kien jifforma parti mit-titolu fewdali tal-Markezat u Fewdu tal-Fiddien. Il-kawza li pprezentat Miriam Fenech Adami (1130/07) hi identika ghal dik li kien ghamel il-Markiz Caruana Dingli u li marret dezerta. Mir-rikors guramentat jidher li l-kawza saret kontra l-werrieta ta' Maria Grazia Mallia Tabone li kienet konvenuta fil-kawza 1221/1977.
Fil-fehma tal-qorti l-ewwel eccezzjoni m'ghadix rilevanti wara l-mewt ta' Miriam Fenech Adami. L-avukat Fenech Adami hu wiehed mill-werrieta ta' ommu u ghalhekk zgur li llum hu legittimu kontradittur.
Mill-klawzola fuq imsemmija hu evidenti li l-ezekutur u Miriam Fenech Adami ftehemu li r-rikavat tal-bejgh jinzamm f'kont bankarju sakemm jigi determinat jekk il-Fenech Adami kellix nofs il-proprjeta li kien hemm kompriz fit-titolu fewdal Markezat tal-Fiddien. Hu veru li fil-klawzola jinghad li l-flus kellhom eventwalment jappartjenu lil dik il-parti li tirbah il-kawza 1221/1977, u li dik il-kawza m'ghadix tezisti. Pero' dan il-fatt ghandu jwassal sabiex l-attur jisbanka l-flus li hemm depozitati l-bank ?

Skond l-Artikolu 1003 tal-Kodici Civili:-
*'Where the literal meaning differs from the common intention of the parties as clearly evidenced by the whole of the agreement, preference shall be given to the intention of the parties.'*.

Hu evidenti li l-ftehim li sar bejn l-ezekutur u Fenech Adami, sar biex ikun jista' jsir il-bejgh. Fil-fehma tal-qorti l-intenzjoni kienet li l-flus jittiehdu skond kif eventwalment tigi determinata l-kwistjoni dwar jekk in-nofs tat-titolu kienx jappartjeni lil Miriam Fenech Adami. Issemmiet il-kawza, ghaliex dak iz-zmien il-kwistjoni kienet qeghda tigi trattata f'dik il-kawza. Il-fatt li l-kawza marret dezerta ma jfisser xejn. Ma jirrizultax li Fenech Adami qatt ghamlet xi haga li jista' jwassal ghal konkoluzzjoni li rrinunzjat ghall-pretensjoni taghha. Il-materja qatt ma giet determinata u llum hemm kawza fejn il-kwistjoni dwar min hu proprjetarju tan-nofs indiviz, ghadha pendenti. Ghalhekk il-qorti tqies li t-talba tal-attur nomine m'hijiex gustifikata.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni in kwantu llum il-konvenut Dr Raphael Fenech Adami hu werriet tal-konvenuta.**

**2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tichad it-talba tal-atturi.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, gialadarba jidher li l-partijiet m'ghamlu xejn biex il-kawza 1221/1977 ma tmurx dezerta**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------